

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► **B****LINJA GWIDA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**

tad-9 ta' Lulju 2014

dwar miżuri temporanji addizzjonali fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' rifinanzjament tal-Eurosistema u l-eliġibbiltà tal-kollateral u li temenda l-Linja Gwida BĊE/2007/9

(riformulazzjoni)

(BĊE/2014/31)

(2014/528/UE)

(ĠU L 240, 13.8.2014, p. 28)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Pàġna	Data
► <u>M1</u>	Linja Gwida tal-Bank Ċentrali Ewropew BĊE/2014/46 tad-19 ta' Novembru 2014	L 348	27	4.12.2014
► <u>M2</u>	Linja Gwida (UE) 2016/2300 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-2 ta' Novembru 2016	L 344	123	17.12.2016



LINJA GWIDA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tad-9 ta' Lulju 2014

dwar miżuri temporanji addizzjonali fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' rifinanzjament tal-Eurosistema u l-eliġibbiltà tal-kollateral u li temenda l-Linja Gwida BĊE/2007/9

(riformulazzjoni)

(BĊE/2014/31)

(2014/528/UE)

Artikolu 1

Miżuri addizzjonali fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' rifinanzjament u kollateral eliġibbli

1. Ir-regoli għat-tmexxija ta' operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema u l-kriterji tal-eliġibbiltà għall-kollateral stabbiliti f'din il-Linja Gwida għandhom japplikaw flimkien mal-Linja Gwida BĊE/2011/14.

2. F'każ ta' kwalunkwe diskrepanza bejn din il-Linja Gwida u l-Linja Gwida BĊE/2011/14, kif implimentata fil-livell nazżjonali mill-BĊNi, din il-Linja Gwida għandha tipprevali. Il-BĊNi għandhom ikomplu japplikaw id-dispożizzjonijiet kollha tal-Linja Gwida BĊE/2011/14 mingħajr tibdil sakemm ma jiġix stipulat mod ieħor f'din il-Linja Gwida.

3. Għall-finijiet tal-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 8, ir-Repubblika Ellenika u r-Repubblika ta' Ċipru għandhom jitqiesu bħala Stati Membri taż-żona tal-euro li jikkonformaw ma' programm tal-Unjoni Ewropea/Fond Monetarju Internazzjonali.

Artikolu 2

Għażla biex jitnaqqas l-ammont ta', jew jiġu tterminati, operazzjonijiet ta' rifinanzjament fuq żmien itwal

1. L-Eurosistema tista' tiddeċiedi illi, taħt ċerti kundizzjonijiet, il-kontropartijiet jistgħu jnaqqsu l-ammont ta', jew jitterminaw, ċerti operazzjonijiet ta' rifinanzjament fuq żmien itwal qabel il-maturità (dan it-tnaqqis jew terminazzjoni minn hawn 'il quddiem flimkien huma msejħin "ripagament bikri"). L-avviż tas-sejħa għal offerti għandu jispeċifika jekk tapplikax l-għażla biex jitnaqqas l-ammont ta', jew jiġu tterminati, l-operazzjonijiet ikkonċernati qabel tapplika l-maturità, kif ukoll id-data minn meta din l-għażla tista' tiġi eżerċitata. Alternattivament, din l-informazzjoni tista' tingħata wkoll f'format ieħor meqjus xieraq mill-Eurosistema.

2. Kontroparti tista' teżerċita l-għażla li jitnaqqas l-ammont ta', jew jiġu tterminati, ċerti operazzjonijiet ta' rifinanzjament fuq żmien itwal qabel il-maturità billi tinnotifika lill-BĊN rilevanti bl-ammont li fihsiebha tħallas lura taħt il-proċedura ta' ripagament bikri, kif ukoll bid-data li fiha fihsiebha tagħmel dan ir-ripagament bikri, tal-anqas ġimgħa qabel dik id-data tar-ripagament bikri. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor mill-Eurosistema, ripagament bikri jista' jsir f'kull jum li

▼B

jikkoinċidi mal-jum tas-saldu ta' operazzjoni ta' rifinanzjament ewlenija tal-Eurosistema, iżda l-kontroparti għandha tagħmel in-notifika msemmija f'dan il-paragrafu tal-anqas ġimgħa qabel dik id-data.

3. In-notifika msemmija fil-paragrafu 2 għandha ssir torbot fuq il-kontroparti ġimgħa qabel id-data tar-ripagament bikri li tirreferi għaliha. In-nuqqas tal-kontroparti milli tħallas, totalment jew parzjalment, l-ammont dovut taħt il-proċedura ta' ripagament bikri sad-data dovuta jista' jirriżulta fl-impożizzjoni ta' penali finanzjarja kif stipulat fit-Taqsima 1 tal-Appendiċi 6 tal-Anness I tal-Linja Gwida BĊE/2011/14. Id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 1 tal-Appendiċi 6 li japplikaw għal ksur tar-regoli relatati ma' operazzjonijiet ta' sejħiet għall-offerti għandhom japplikaw meta kontroparti tonqos milli tagħmel saldu, totali jew parzjali, tal-ammont dovut fid-data tar-ripagament bikri msemmija fil-paragrafu 2. L-impożizzjoni ta' penali finanzjarja għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-BĊN biex jeżerċita r-rimedji pprovduti meta jseħħ avveniment ta' inadempjenza kif stabbilit fl-Anness II tal-Linja Gwida BĊE/2011/14.

*Artikolu 3***Ammissjoni ta' ċerti titoli addizzjonali ggarantiti minn assi**

1. Minbarra t-titoli ggarantiti minn assi (ABS) eliġibbli taħt il-Kapitolu 6 ta' Anness I tal-Linja Gwida BĊE/2011/14, ABS li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti għall-valutazzjoni tal-kreditu taħt it-Taqsima 6.3 tal-Anness I tal-Linja Gwida BĊE/2011/14 imma li mill-bqija jikkonformaw mal-kriterji tal-eliġibbiltà kollha applikabbli għall-ABS skont l-Anness I tal-Linja Gwida BĊE/2011/14, għandhom ikunu eliġibbli bħala kollateral għal operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema, sakemm ikollhom żewġ gradazzjonijiet ta' mill-anqas “triple B”⁽¹⁾ minn kwalunkwe istituzzjoni ta' valutazzjoni ta' kreditu esterna aċċettata għall-ħruġ. Huma għandhom jissodisfaw ukoll ir-rekwiżiti kollha li ġejjin:

- (a) l-assi li jiġġeneraw il-likwidità li jappoġġaw l-ABS għandhom jappartjenu għal waħda mill-klassijiet ta' assi li ġejjin: (i) ipoteki residenzjali; (ii) self lil impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs); (iii) ipoteki kummerċjali fuq immobbli; (iv) self fuq ix-xiri ta' karozzi; (v) krediti fuq kiri; (vi) self għal finanzjament għall-konsumatur; (vii) kreditu fuq karti ta' kreditu;
- (b) ma għandu jkun hemm ebda taħlit ta' klassijiet ta' assi differenti fl-assi li jiġġeneraw il-likwidità;
- (c) l-assi li jiġġeneraw il-likwidità li jggarantixxu l-ABS m'għandhomx ikun fihom self illi huwa wieħed minn dawn li ġejjin:
 - (i) ma jkunx jirrendi fil-ħin tal-ħruġ tal-ABS,

⁽¹⁾ Gradazzjoni ta' “triple B” hija gradazzjoni ta' mill-anqas “Baa3” minn Moody's, “BBB-” minn Fitch jew Standard & Poor's, jew “BBBL” minn DBRS.

▼ B

- (ii) ma jkunx jirrendi meta inkorporat fl-ABS matul il-ħajja tal-ABS, pereżempju permezz ta' sostituzzjoni jew bidla fl-assi li jġġeneraw il-likwidità;
- (iii) fi kwalsiasi żmien, huwa strutturat, sindakat jew *leveraged*;
- (d) id-dokumenti tat-tranżazzjoni tal-ABS għandu jkollhom dispożizzjonijiet dwar il-kontinwità tas-servizz;

▼ M2

2. L-ABS msemmija fil-paragrafu 1 li m'għandhomx żewġ klassifikazzjonijiet ta' kreditu pubbliċi ta' mill-inqas tal-pass 2 tal-kwalità ta' kreditu fl-iskala ta klassifikazzjoni armonizzata tal-Eurosistema skont l-Artikolu 82(1)(b) tal-Linja Gwida (UE) 2015/510 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/60) ⁽¹⁾ għandhom ikunu suġġetti għal haircut fil-valutazzjoni li jiddependi fuq il-ħajja medja ppeżata tagħhom kif speċifikat fl-Anness IIa.

2a. Il-ħajja medja ppeżata tas-segment prijoritarju ta' ABS għandha tiġi stmata bħala ż-żmien medju ppeżat li jifdal mistenni sakemm ikun sar il-ħlas lura għal dak is-segment. Għal ABS mobilizzati miżmuma, il-kalkolu tal-ħajja medja ppeżata għandu jassumi li l-opzjonijiet tas-sejħa tal-emittent ma jiġux eżerċitati.

▼ B

4. Kontroparti ma tistax tippreżenta ABS li huma eliġibbli skont il-paragrafu 1 bħala kollateral, jekk il-kontroparti, jew kwalunkwe parti terza li magħha għandha rabtiet mill-qrib, taġixxi bħala fornitur ta' ħeġġ ta' rata ta' imgħax fir-rigward tal-ABS.

▼ M2

5. BĊN jista' jaċċetta bħala kollateral għal operazzjonijiet ta' politika monetarja tal-Eurosistema ABS li l-assi sottostanti tagħhom jinkludu ipoteki fuq immobbli residenzjali jew self lil SMEs jew it-tnejn u li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti għall-valutazzjoni tal-kreditu taħt il-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Erbġħa tal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60) u r-rekwiżiti li għalihom hemm referenza fil-punti (a) sa (d) tal-paragrafu 1 u l-paragrafu 4, imma li mill-bqija jikkonformaw mal-kriterji tal-eliġibbiltà applikabbli għall-ABS skont il-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60) u għandhom żewġ klassifikazzjonijiet ta' kreditu pubbliku ta' mill-inqas pass 3 tal-kwalità ta' kreditu fl-iskala ta' klassifikazzjonijiet ta' kreditu armonizzata tal-Eurosistema. Dawn l-ABS għandhom ikunu limitati għal dawk maħruġa qabel l-20 ta' Ġunju 2012 u għandhom ikunu suġġetti għal haircut fil-valutazzjoni li tiddependi fuq il-ħajja medja ppeżata tagħhom kif speċifikat fl-Anness IIa.

⁽¹⁾ Linja Gwida (UE) 2015/510 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Diċembru 2014 dwar l-implimentazzjoni tal-qafas tal-politika monetarja tal-Eurosistema (BĊE/2014/60) (ĠU L 91, 24.2015, p. 3).

▼ **B**

7. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

- (a) “ipoteka residenzjali”, minbarra self appoġġat minn ipoteka fuq proprjetà immobbli residenzjali, għandha tinkludi self iggarantit fuq immobbli residenzjali (mingħajr ipoteka fuq proprjetà immobbli) jekk il-garanzija hija pagabbli minnufih mal-inadempjenza. Garanzija bħal din tista' tingħata f'forom kuntrattwali differenti, inkluż kuntratti ta' assigurazzjoni, sakemm huma jkunu ggarantiti minn entità fis-settur pubbliku jew istituzzjoni finanzjarja suġġetta għas-superviżjoni pubblika. Il-valutazzjoni tal-kreditu tal-garanti għall-finijiet ta' dawn il-garanziji għandha tkun konformi mal-istadju 3 tal-kwalità tal-kreditu tal-iskala tal-Eurosistema għall-klassifika armonizzata tul il-ħajja tat-tranżazzjoni;
- (b) “impriża żgħira” u “impriża ta' daqs medju” għandhom ifissru entità involuta f'attività ekonomika, irrispettivament mill-forma legali tagħha, fejn il-bejgħ irrapportat għall-entità, jew jekk l-entità hija parti minn grupp ikkonsolidat, għall-grupp ikkonsolidat, huwa ta' anqas minn EUR 50 miljun;
- (c) “self li ma jirrendix” għandha tinkludi self fejn il-ħlas ta' imgħax jew ta' kapital huwa tard b'90 jum jew aktar u d-debitur huwa inadempjenti, kif definit fl-Artikolu 178 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾, jew fejn hemm raġunijiet tajbin biex ikun hemm dubju dwar jekk il-ħlas huwiex se jsir kollu.
- (d) “self strutturat” tfisser struttura li tinvolvi talbiet ta' kreditu subordinati;
- (e) “self mingħand konsorzju” tfisser self mogħti minn grupp ta' selliefa f'konsorzju li jislef;
- (f) “self leveraged” tfisser self mogħti lil kumpanija li diġà għandha ammont konsiderevoli ta' dejn, bħal finanzjament għal akkwist mill-maniġment jew għal *takeover*, fejn is-self jintuża għall-akkwist tal-ekwità ta' kumpanija li hija wkoll id-debitur tas-self;

▼ **M2**

- (g) “dispożizzjonijiet dwar il-kontinwità tas-servizz” tfisser dispożizzjonijiet fid-dokumentazzjoni legali ta' titolu ggarantit minn assi li jikkonsistu jew f'dispożizzjonijiet dwar il-servizzjant sostitut jew dispożizzjonijiet dwar il-faċilitatur tal-servizzjant sostitut (jekk ma jkun hemm l-ebda dispożizzjoni dwar il-servizzjant sostitut). F'każ ta' dispożizzjonijiet dwar il-faċilitatur tas-servizzjant sostitut, għandu jiġi nnominat faċilitatur tas-servizzjant sostitut u l-faċilitatur għandu jingħata l-mandat li jsib servizzjant sostitut xieraq fi żmien 60 jum minn meta jseħħ avveniment ta' skatt sabiex jiżgura pagament fil-ħin u s-servizzjar tat-titolu ggarantit minn assi. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jinkludu l-iskattar tas-sostituzzjoni tas-servizzjant għall-ħatra ta' servizzjant sostitut, li jista' jkun ibbażat fuq klassifikazzjoni u/jew mhux

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

▼ M2

ibbażat fuq klassifikazzjoni, eż. in-nuqqas tat-twettiq tal-obbligi mis-servizzjant kurrenti. Fil-każ ta' dispożizzjonijiet ta' servizzjant sostitut, is-servizzjant sostitut m'għandux ikollu rabtiet mill-qrib mas-servizzjant. Fil-każ ta' dispożizzjonijiet ta' faċilitatur servizzjant sostitut, m'għandux ikun hemm rabtiet mill-qrib bejn kull servizzjant, il-faċilitatur servizzjant sostitut u l-bank tal-kont tal-emittent fl-istess ħin;

- (h) “rabtiet mill-qrib” għandhom l-istess tifsira kif iddefiniti fl-Artikolu 138(2) tal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60);
- (i) “ABS mobilizzati miżmuma” tfisser ABS użati f'perċentwali ikbar minn 75 % tal-ammont nominali pendenti minn kontroparti li oriġinat l-ABS jew minn entitajiet b'rabtiet mill-qrib mal-oriġinatur.

▼ B*Artikolu 4***Ammissjoni ta' ċerti talbiet ta' kreditu addizzjonali**

1. Il-BĊNi jistgħu jaċċettaw bħala kollateral għal operazzjonijiet ta' politika monetarja tal-Eurosistema talbiet ta' kreditu li ma jissodisfawx il-kriterji ta' eliġibbiltà tal-Eurosistema.

2. Il-BĊNi li jiddeċiedu li jaċċettaw talbiet ta' kreditu skont il-paragrafu 1 għandhom jistabbilixxu kriterji għall-eliġibbiltà u miżuri għall-kontroll tar-riskju għal dan il-għan billi jispeċifikaw devjazzjonijiet mir-rekwiżiti tal-Anness I tal-Linja Gwida BĊE/2011/14. Dawn il-kriterji għall-eliġibbiltà u miżuri għall-kontroll tar-riskju għandhom jinkludu l-kriterju li t-talbiet ta' kreditu huma rregolati mil-liġijiet tal-Istat Membru tal-BĊN li jistabbilixxu l-kriterji għall-eliġibbiltà u l-miżuri għall-kontroll tar-riskju. Il-kriterji għall-eliġibbiltà u miżuri għall-kontroll tar-riskju għandhom ikunu suġġetti għall-approvazzjoni minn qabel tal-Kunsill Governattiv.

3. F'ċirkostanzi eċċezzjonali il-BĊNi jistgħu, sakemm ikollhom l-approvazzjoni minn qabel tal-Kunsill Governattiv, jaċċettaw talbiet ta' kreditu:

- (a) fl-applikazzjoni tal-kriterji għall-eliġibbiltà u l-miżuri għall-kontroll tar-riskju stabbiliti minn BĊN ieħor bis-saħħa tal-paragrafi 1 u 2; jew
- (b) rregolati bil-liġi ta' kwalunkwe Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru li fih il-BĊN aċċettanti huwa stabbilit, jew
- (c) li huma inklużi fil-ġabra tat-talbiet ta' kreditu jew sostnuti minn assi tal-proprjetà immobbli, jekk il-liġi li tirregola t-talba ta' kreditu jew id-debitur relevanti (jew garanti, fejn dan japplika) hija dik ta' kwalunkwe Stat Membru li mhuwiex wieħed li fih il-BĊN huwa stabbilit.

4. BĊN ieħor għandu jipprovdi assistenza biss lil BĊN li qed jaċċetta talbiet ta' kreditu skont il-paragrafu 1 jekk ikun ġie miftiehem bilaterament bejn iż-żewġ BĊNi u bla ħsara għall-approvazzjoni minn qabel tal-Kunsill Governattiv.



Artikolu 5

Aċċettazzjoni ta' ċerti strumenti tad-dejn għal żmien qasir

1. Il-BĊNi jistgħu jaċċettaw bħala kollateral għal operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema ċerti strumenti ta' dejn għal żmien qasir li ma jissodisfawx il-kriterji ta' eliġibbiltà tal-Eurosistema għal assi negozjabbli kif stabbilit fl-Anness I tal-Linja Gwida BĊE/2011/14.

2. BĊNi li jiddeċiedu li jaċċettaw strumenti ta' dejn għal żmien qasir skont il-paragrafu 1, għandhom jistabbilixxu l-kriterji ta' eliġibbiltà u l-miżuri tal-kontroll tar-riskju għal dan l-iskop iżda għandhom jissodisfaw l-istandards minimi speċifikati mill-Kunsill Governattiv. Dawn il-kriterji ta' eliġibbiltà u miżuri ta' kontroll tar-riskju għandhom jinkludu l-kriterji li ġejjin applikabbli għall-istrumenti tad-dejn għal żmien qasir.

(a) Huma jinħarġu minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji ⁽¹⁾ li huma stabbiliti fiż-żona tal-euro. Il-garanti tal-istrument ta' dejn għal żmien qasir (jekk hemm) għandu jkun ukoll korporazzjoni mhux finanzjarja stabbilita fiż-żona tal-euro sakemm ma tkunx meħtieġa garanzija għall-istrument ta' dejn għal żmien qasir biex ikun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet fuq it-twaqqif ta' standards ta' kreditu għoljin kif imsemmi fis-subparagrafu (d).

(b) M'humiex ammessi għan-negożju f'suq meqjus bħala aċċettabbli mill-Eurosistema kif stabbilit fit-Taqsima 6.2.1.5 tal-Anness I tal-Linja Gwida BĊE/2011/14.

(c) Huma ddenominati f'euro.

(d) Huma jissodisfaw ir-rekwiżiti dwar standards ta' kreditu għoljin stabbiliti mill-BĊN rilevanti li għandhom japplikaw minflok ir-rekwiżiti tat-Taqsimiet 6.3.2 u 6.3.3 tal-Anness I tal-Linja Gwida BĊE/2011/14.

(e) Minbarra dak stipulat fis-subparagrafi (a) sa (d), huma jikkonformaw mal-kriterji tal-eliġibbiltà tal-Eurosistema għal assi negozjabbli stabbiliti fl-Anness I tal-Linja Gwida BĊE/2011/14.

3. BĊN ma jistax jaċċetta, sakemm ma jagħmilx hekk bis-saħħa ta' ftehim bilaterali ma' BĊN ieħor, strumenti ta' dejn għal żmien qasir li jinħarġu fiż-żona tal-euro bis-saħħa tal-paragrafi 1 u 2:

(a) ma' dak il-BĊN l-ieħor; jew

(b) ma' depożitorju ċentrali ta' titoli li (i) ġie vvalutat b'mod pożittiv mill-Eurosistema bis-saħħa tal-istandards u proċeduri ta' valutazzjoni deskritti fil-“Qafas għall-valutazzjoni tas-sistemi ta' hłas ta' titoli u rabtiet għad-determinazzjoni tal-eliġibbiltà tagħhom għall-użu ta' operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema” ⁽²⁾; u (ii) huwa stabbilit fi Stat Membru taż-żona tal-euro fejn il-BĊN l-ieħor huwa stabbilit.

⁽¹⁾ Korporazzjonijiet mhux finanzjarji huma ddefiniti kif ipprovdut fis-Sistema Ewropea ta' Kontijiet 1995 (ESA 95).

⁽²⁾ Jinsab fis-sit elettroniku tal-BĊE fuq www.ecb.europa.eu.

▼B

4. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu “strumenti ta' dejn għal żmien qasir” tfisser strumenti ta' dejn b'maturità ta' mhux iżjed minn 365 jum mal-ħruġ u kull żmien sussegwenti ieħor.

*Artikolu 6***Aċċettazzjoni ta' ċerti bonds tal-bank iggarantiti mill-gvern**

1. BĊN m'għandux ikun obligat jaċċetta bħala kollateral għal operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema bonds ta' bank eliġibbli mhux koperti li:

- (a) ma jissodisfawx ir-rekwiżit tal-Eurosistema ta' standards ta' kreditu għoljin;
- (b) jinħarġu mill-kontroparti li tużahom jew minn entitajiet marbutin mill-qrib mal-kontroparti; u
- (c) huma ggarantiti għal kollox mill-Istat Membru:
 - (i) li l-valutazzjoni tal-kreditu ma tikkonformax mar-rekwiżit tal-Eurosistema ta' standards għoljin ta' kreditu għal emittenti u garanti ta' assi negozjabbli kif preskritt fit-Taqsimiet 6.3.1 u 6.3.2 tal-Anness I tal-Linja Gwida BĊE/2011/14; u
 - (ii) li huwa konformi ma' programm tal-Unjoni Ewropea/Fond Monetarju Internazzjonali, kif evalwat mill-Kunsill Governattiv.

2. Il-BĊNi għandhom jinformaw lill-Kunsill Governattiv kull meta jiddeċiedu li ma jaċċettawx it-titoli deskritti fil-paragrafu 1 bħala kollateral.

3. Il-kontropartijiet ma jistgħux jippreżentaw bħala kollateral għal operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema bonds ta' bank mhux koperti maħruġin minnhom stess jew maħruġin minn entitajiet b'rabtiet mill-qrib u ggarantiti minn entità fis-settur pubbliku taż-Żona Ekonomika Ewropea bid-dritt li timponi taxxi li jaqbżu l-valur nominali ta' dawn il-bonds diġa' ppreżentati bħala kollateral fit-3 ta' Lulju 2012.

4. F'każijiet eċċezzjonali, il-Kunsill Governattiv jista' jiddeċiedi dwar derogi temporanji mir-rekwiżit stabbilit fil-paragrafu 3 għal massimu ta' tliet snin. Talba għal deroga għandha tkun akkumpanjata minn pjan ta' finanzjament li jindika kif l-użu proprju ta' bonds ta' bank mhux koperti ggarantiti mill-gvern mill-kontroparti li tagħmel it-talba għandu jinqata' f'fajijiet sa mhux aktar tard minn tliet snin wara l-approvazzjoni tad-deroga. Kull deroga mogħtija diġa' sa mit-3 ta' Lulju 2012 għandha tkompli tapplika sakemm jasal iż-żmien għar-reviżjoni tagħha.

*Artikolu 7***Ammissjoni ta' ċerti assi ddenominati fl-lira sterlina, yen jew dollaru Amerikan bħala kollateral eliġibbli**

1. Strumenti ta' dejn negozjabbli kif deskritti fit-Taqsima 6.2.1 tal-Anness I tal-Linja Gwida BĊE/2011/14, jekk iddenominati fl-lira sterlina, yen jew dollaru Amerikan, għandhom jikkostitwixxu kollateral eliġibbli għal operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema, iżda: (a) għandhom jinħarġu u jinżammu/jitħallsu fiż-żona tal-euro; (b) l-emittent għandu jkun stabbilit fiż-Żona Ekonomika Ewropea; u (c) għandhom jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà l-oħrajn kollha inklużi fit-Taqsima 6.2.1 tal-Anness I għal-Linja Gwida BĊE/2011/14.

▼B

2. L-Eurosistema għandha tapplika t-tniżżil fil-valur li ġej għal dawk l-istrumenti ta' dejn negozjabbli: (a) tniżżil ta' 16 % fuq assi ddenominati fl-lira sterlina jew dollaru Amerikan; u (b) tniżżil ta' 26 % fuq assi ddenominati f'yen.

3. Strumenti ta' dejn negozjabbli deskritti fil-paragrafu 1, li jkollhom kupuni marbutin ma' rata waħda tas-suq tal-flus fil-munita tad-denominazzjoni ta' tagħhom, jew ma' indiċi ta' inflazzjoni li ma jkun fiha ebda medda diskreta, akkumulazzjoni ta' meded, *ratchet* jew strutturi kumplessi simili oħrajn għall-pajjiż rispettiv, għandhom jikkostitwixxu wkoll kollateral eliġibbli għall-finijiet tal-operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema.

4. Il-BĊE jista' jippubblika lista ta' rati ta' imgħax ta' referenza aċċettabbli ta' muniti barranin oħrajn, flimkien ma' dawk imsemmija fil-paragrafu 3, fuq is-sit elettroniku tiegħu fuq www.ecb.europa.eu, wara l-approvazzjoni mill-Kunsill Governattiv.

5. L-Artikoli 1, 3, 6, 7 u 9 biss ta' din il-Linja Gwida japplikaw għal assi negozjabbli ddenominati f'muniti barranin.

*Artikolu 8***Sospensjoni tar-rekwiżiti għal livelli minimi ta' kwalità tal-kreditu għal xi strumenti negozjabbli**

1. Ir-rekwiżiti minimi tal-Eurosistema għal livelli minimi ta' kwalità tal-kreditu, kif speċifikat fir-regoli tal-Eurosistema dwar il-qafas tal-valutazzjoni tal-kreditu għal assi negozjabbli fit-Taqsima 6.3.2 tal-Anness I tal-Linja Gwida BĊE/2011/14 għandhom jiġu sospiżi skont il-paragrafu 2.

2. Il-livell minimu ta' kwalità tal-kreditu tal-Eurosistema m'għandux japplika għal strumenti ta' dejn negozjabbli maħruġa jew iggarantiti bis-sħiħ mill-gvernijiet ċentrali tal-Istati Membri taż-żona tal-euro taħt programm tal-Unjoni Ewropea/Fond Monetarju Internazzjonali, sakemm il-Kunsill Governattiv jiddeċiedi li l-Istat Membru rispettiv ma jikkonformax mal-kundizzjonalità tal-appoġġ finanzjarju u/jew il-programm makroekonomiku.

3. Strumenti ta' dejn negozjabbli maħruġa jew iggarantiti bis-sħiħ mill-gvern ċentrali tar-Repubblika Ellenika jew ir-Repubblika ta' Ċipru għandhom ikunu soġġetti għat-tnaqqis impost speċifiku stabbilit fl-Annessi I u II ta' din il-Linja Gwida rispettivament.

*Artikolu 9***Dħul fis-seħħ, implimentazzjoni u applikazzjoni**

1. Din il-Linja Gwida għandha tidħol fis-seħħ fid-9 ta' Lulju 2014.

▼B

2. Il-BĊNi għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jikkonformaw mal-Artikolu 1(3), l-Artikolu 3(2), (3), (5) u (6), l-Artikolu 3(7)(g), l-Artikolu 4(3)(c) u l-Artikolu 8(3) u japplikaw din il-Linja Gwida mill-20 ta' Awwissu 2014. Għandhom jinnotifikaw lill-BĊE bit-testi u l-meżżi dwar il-miżuri li jirrigwardaw l-Artikolu 1(3), l-Artikolu 3(2), (3), (5) u (6), l-Artikolu 3(7)(g), l-Artikolu 4(3)(c) u l-Artikolu 8(3) sa mhux iktar tard mis-6 ta' Awwissu 2014, u kull miżura dwar l-Artikolu 5 skont il-proċeduri speċifikati mill-Kunsill Governattiv.

3. L-Artikolu 6 għandu japplika sat-28 ta' Frar 2015.

*Artikolu 10***Emenda għal Linja Gwida BĊE/2007/9**

Fil-Parti 5 tal-Anness III l-paragrafu li jsegwi Tabella 2 huwa sostitwit b'li ġej:

“Kalkolu tal-konċessjoni f'somma waħda għal finijiet ta' kontroll (R6):

Konċessjoni f'somma waħda: Il-konċessjoni hija applikata għal kull istituzzjoni ta' kreditu. Kull istituzzjoni ta' kreditu tnaqqas somma waħda massima intiża biex tnaqqas il-kost amministrattiv tal-ġestjoni ta' ħtiġijiet ta' riżerva żgħira ħafna. Jekk [bażi tar-riżerva × proporzjon tar-riżerva] tkun anqas minn EUR 100 000, allura l-konċessjoni f'somma waħda għandha tkun [bażi tar-riżerva × proporzjon tar-riżerva]. Jekk [bażi tar-riżerva × proporzjon tar-riżerva] tkun akbar minn jew ugwali għal EUR 100 000, allura l-konċessjoni f'somma waħda għandha tkun ugwali għal EUR 100 000. Istituzzjonijiet li jitħallew jirrapportaw dejta statistika fir-rigward tal-baży ta' riżerva kkonsolidata tagħhom bħala grupp (kif definit fil-Parti 2, Taqsima 1 tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 25/2009 (BĊE/2008/32)) iżommu r-riżervi minimi permezz ta' waħda mill-istituzzjonijiet fil-grupp li qed taġixxi bħala intermedjarja esklussivament għal dawn l-istituzzjonijiet. Skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 1745/2003 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-12 ta' Settembru 2003 dwar l-applikazzjoni ta' riżervi minimi (BĊE/2003/9) (*), huwa biss f'dan l-aħħar każ li l-grupp sħiħ huwa intitolat li jnaqqas il-konċessjoni f'somma waħda.

Ir-riżervi minimi (jew 'meħtieġa') jinħadmu kif ġej:

Riżervi minimi (jew 'meħtieġa') = baży ta' riżerva × proporzjon ta' riżerva — konċessjoni f'somma waħda

Il-proporzjon ta' riżerva japplika skont Regolament (KE) Nru 1745/2003 (BĊE/2003/9).

(*) ĠU Edizzjoni Speċjali, Kapitolu 10, Vol. 3, p. 300”.

*Artikolu 11***Revoka**

1. Il-Linja Gwida BĊE/2013/4 hija revokata mill-20 ta' Awwissu 2014.

▼B

2. Ir-referenzi għal-Linja Gwida BĊE/2013/4 għandhom jitqiesu bħala referenzi għal din il-Linja Gwida u għandhom jinqraw b'mod konformi mat-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness IV.

Artikolu 12

Destinatarji

Din il-Linja Gwida hija indirizzata lill-banek ċentrali kollha tal-Eurosis-tema.

▼ **M1**

ANNEX I

Skeda ta' tnaqqis impost applikabbli għal strumenti ta' dejn negozjabbli maħruġin jew iggarantiti għal kollox mir-Repubblika Ellenika

	Maturità residwa (snin)	Kupun b'rata fissa u varjabbli	Kupun zero
Bonds tal-Gvern Grieg (GGBs — Greek Government bonds)	0-1	6,5	6,5
	1-3	11,0	12,0
	3-5	16,5	18,0
	5-7	23,0	26,0
	7-10	34,0	39,5
	> 10	40,0	52,5
	Maturità residwa (snin)	Kupun b'rata fissa u varjabbli	Kupun zero
Bonds ta' bank iggarantiti minn Gvern (GGBBs) u bonds korporattivi mhux finanzjarji ggarantiti minn gvern	0-1	13,5	14,0
	1-3	19,0	20,0
	3-5	24,5	26,5
	5-7	31,5	35,0
	7-10	43,5	49,5
	> 10	50,0	62,0

▼B

ANNEX II

Skeda ta' telf impost applikabbli għal strumenti ta' dejn negozjabbli maħruġin jew iggarantiti għal kollox mir-
Repubblika ta' Ċipru

	Medda ta' maturità	Telf impost għal kupuni fissi u <i>floaters</i>	Telf impost għal kupon zero
Bonds tal-Gvern	0-1	14,5	14,5
	1-3	27,5	29,5
	3-5	37,5	40,0
	5-7	41,0	45,0
	7-10	47,5	52,5
	> 10	57,0	71,0
	Medda ta' maturità	Telf impost għal kupuni fissi u <i>floaters</i>	Telf impost għal kupon zero
Bonds tal-bank iggarantiti mill-Gvern u bonds ta' korporazzjonijiet mhux finanzjarji iggarantiti mill-gvern	0-1	23,0	23,0
	1-3	37,0	39,0
	3-5	47,5	50,5
	5-7	51,5	55,5
	7-10	58,0	63,0
	> 10	68,0	81,5

▼ M2*ANNEX IIa***Livelli ta' valutazzjoni fil-haircut applikati lil titoli ggarantiti b'assi (ABS)
eliġibbli taħt l-Artikolu 3(2) ta' din il-Linja Gwida**

Ħajja Medja Ppeżata	Haircut fil-valutazzjoni
0-1	6,0
1-3	9,0
3-5	13,0
5-7	15,0
7-10	18,0
> 10	30,0

▼B

ANNEX III

LINJA GWIDA REVOKATA BL-EMENDI SUĊĊESSIVI TAGĦHA

Linja Gwida BĊE/2013/4 (ĠU L 95, 5.4.2013, p. 23)

Linja Gwida BĊE/2014/12 (ĠU L 166, 5.6.2014, p. 42)



ANNEX IV

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Linja Gwida BĊE/2013/4	Din il-Linja Gwida
Artikoli 1 u 2	Artikoli 1 u 2
Artikolu 3(4) u (5)	Artikolu 3(4) u (5)
Artikolu 3(6)	Artikolu 3(7)
Artikolu 4	Artikolu 4
Artikolu 3(6)(1)	Artikolu 3(7)(a)
Artikolu 3(6)(2)	Artikolu 3(7)(b)
Artikolu 3(6)(3)	Artikolu 3(7)(c)
Artikolu 3(6)(4)	Artikolu 3(7)(d)
Artikolu 3(6)(5)	Artikolu 3(7)(e)
Artikolu 3(6)(6)	Artikolu 3(7)(f)
—	Artikolu 5
Artikolu 5	Artikolu 6
Artikolu 6	Artikolu 7
Artikolu 7	Artikolu 8
Artikolu 8	Artikolu 9
Artikolu 9	Artikolu 10
—	Artikolu 11
Artikolu 11	Artikolu 12
Linja Gwida BĊE/2014/12	Din il-Linja Gwida
Artikolu 1(1)	Artikolu 1(3)
Artikolu 1(2)	Artikolu 3(1)
Deċiżjoni BĊE/2013/22	Din il-Linja Gwida
Artikolu 1(1)	Artikolu 1(3)
Artikolu 1(2)	Artikolu 8(3)
Anness	Anness II
Deċiżjoni BĊE/2013/36	Din il-Linja Gwida
Artikolu 2(1)(a)	Artikolu 3(2)
Artikolu 2(1)(b)	Artikolu 3(3)
Artikolu 2(2)	Artikolu 3(5)
Artikolu 3(2)	Artikolu 3(7)(g)
Artikolu 3(3)	Artikolu 3(6)
Artikolu 4(c)	Artikolu 4(3)(ċ)